REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/400

tal-25 ta' Frar 2015

li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu fil-każ taż-żejt tal-għadam, il-monossidu tal-karbonju, iċ-ċiprodinil, id-dodemorfu, l-iprodion, il-metaldeid, il-metażaklor, il-pitrolju (CAS 64742-54-7), iż-żjut minerali (petroleum oils) (CAS 92062-35-6) u l-propargit f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u partikolarment l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Għall-iprodion, il-livelli massimi ta' residwu (MRLs) ġew stabbiliti fl-Anness II u fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għaċ-ċiprodinil, il-metaldeid, il-metażaklor, u l-propargit, l-MRLs ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għaż-żejt tal-għadam, il-monossidu tal-karbonju, id-dodemorfu, il-pitrolju (CAS 64742-54-7), iż-żjut minerali (petroleum oils) (CAS 92062-35-6) l-ebda MRL ma hu stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u billi dawn is-sustanzi attivi mhumiex inklużi fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament.

(2) Għaż-żejt tal-għadam, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", ippreżentat opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([2]). L-esklużjoni taż-żejt tal-għadam fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([3]) hija stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2008/943/KE ([4]). Meta wieħed jikkunsidra li l-użu taż-żejt tal-għadam mhuwiex awtorizzat aktar fl-Unjoni u li ma ġie nnotifikat l-ebda użu awtorizzat f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-MRLs fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(3) Għall-monossidu tal-karbonju, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([5]). L-esklużjoni tal-monossidu tal-karbonju fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE hija stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2008/967/KE ([6]). Meta wieħed jikkunsidra li l-użu tal-monossidu tal-karbonju mhuwiex awtorizzat aktar fl-Unjoni u li ma ġie identifikat l-ebda użu awtorizzat f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-MRLs fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(4) Għall-propanil, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([7]). L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel għal prodotti ta' oriġini mill-annimali. Hija rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għan-naspli, in-naspla

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar l-analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għaż-żejt tal-għadam skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2012;10(6):2766. [6 pp.].
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/943/KE tal-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-esklużjoni taż-żejt tal-għadam fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 97).
([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar l-analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-monossidu tal-karbonju skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2012;10(6):2762. [6 pp.].
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/967/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-esklużjoni tal-monossidu tal-karbonju fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 121).
([7]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar l-analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRL) eżistenti għaċ-ċiprodinil skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2013;11(10):3406. [81 pp.].

tal-Ġappun, l-għeneb tal-mejda u tal-inbid, it-tut, il-lampun, il-frott żgħir u l-frott irqiq ieħor, iz-zunnarija, l-għerq tal-mustarda, iz-zunnarija l-bajda, l-għeruq tat-tursin, leħjet il-bodbod, it-tewm, ix-xalott, il-basal tar-rebbiegħa, il-fażola (mingħajr miżwed), il-piżelli (mingħajr miżwed), l-isfraġ, il-piżelli (niexfa) u l-lupini (imnixxfa). L-Awtorità rrakkomandat li tgħolli jew iżżomm l-MRLs eżistenti għal ċerti prodotti. Hija kkonkludiet li rigward l-MRLs għal-lewż, l-infużjonijiet erbali mill-għeruq, il-ħwawar mill-għeruq u r-riżomi, u għall-prodotti kollha li joriġinaw mill-annimali, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir analiżi mill-ġdid ta' dawn l-MRLs; l-analiżi se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(5) Għad-dodemorfu, l-Awtorità ippreżentat opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([1]). L-inklużjoni tad-dodemorfu fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE hija prevvista fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2008/125/KE ([2]). Skont ir- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([3]), l-użu tad-dodemorfu huwa limitat biss għal pjanti ornamentali fis-serra. Meta wieħed jikkunsidra li l-użu tad-dodemorfu fl-Unjoni huwa awtorizzat biss għal uċuħ tar-raba' li ma jittiklux u li ma ġie identifikat l-ebda użu awtorizzat għall-uċuħ tar-raba' li jittieklu f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-MRLs fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(6) Għall-iprodion, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([4]). Hija pproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwu għall-prodotti ta' oriġini mill-annimali. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għal-lumi, il-lewż, il-ġellewż, it-tuffieħ, il-lanġas, l-isfarġel, in-naspli, in-naspla tal-Ġappun, il-berquq, iċ-ċirasa, il-ħawħ, l-għanbaqar, l-għeneb tal-mejda u tal-inbid, il-frawli, it-tut, iċ-ċawsli iswed, il-lampun, ir-riħan blu, il-cranberries, il-passolina, il-gooseberries, l-għanżarol, il-kiwi, il-patata, il-pitravi, iz-zunnarija, l-għerq tal-mustarda, iz-zunnarija l-bajda, l-għeruq tat-tursin, ir-ravanell, it-tewm, il-basal, ix-xalott, il-basal tar-rebbiegħa, it-tadam, il-bżar, il-brunġiel, il-ħjar, il-ħjar tal-pikles, il-courgettes, il-kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx, il-brokkoli, il-pastard, il-Brussels sprouts, il-kaboċċi, il-kaboċċi taċ-Ċina, il-valerjanella, l-iskarola, il-krexxun, il-ħass, l-aruka, il-weraq u nebbieta tal-Brassica spp., indivja Belġjana, il-ħxejjex aromatiċi, il-fażola (friska, bil-miżwed), il-fażola (friska, mingħajr miżwed), il-piżelli (friski, bil-miżwed), il-piżelli (friska, mingħajr miżwed), ir-rabarbru, il-fażola (niexfa), l-għazz (niexef), il-piżelli (niexfa), iż-żerriegħa tal-kittien, iż-żerriegħa tal-ġirasol, il-qamħ, ix-xgħir, ir-ross, l-infużjonijiet erbali mill-fjuri, l-infużjonijiet erbali mill-għeruq, il-pitravi taz-zokkor u għall-prodotti kollha li joriġinaw mill-annimali, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs se jiġu analizzati mill-ġdid; l-analiżi se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li fir-rigward tal-MRLs għaċ-ċelerjak, is-swedes, ir-rapa, il-kaboċċa tal-weraq twal, il-kolrabi, il-krexxun tal-art, l-ispinaċi, il-weraq tal-pitravi (chard), il-piżelli (friska, mingħajr miżwed), l-isfraġ, il-weraq tal-karfus, il-bużbież, il-kurrat, iż-żerriegħa tal-lift, infużjonijiet erbali mill-weraq, il-ħwawar u l-pitravi taz-zokkor, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. L-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu ffissati fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(7) Għall-metaldeid, l-Awtorità ippreżentat opinjoni motivata dwar l-MRL eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([5]). Hija rrakkomandat it-tnaqqis tal-MRL għall-frawli, is-swedes, l-isfraġ, il-weraq tal-karfus u l-bużbież. L-Awtorità rrakkomandat li tgħolli jew iżżomm l-MRL eżistenti għal ċerti prodotti. Hija kkonkludiet li dwar l-MRLs għall-patata, il-pitravi, iz-zunnarija, iċ-ċelerjak, l-għerq tal-mustarda, l-artiċokks ta' Ġerusalem, iz-zunnarija l-bajda, l-għeruq tat-tursin, ir-ravanell, leħjet il-bodbod, ir-rapa, it-tadam, il-brunġiel, brassika bir-ras u mwerrqa u bil-fjuri, il-kolrabi, il-ħass u pjanti oħra tal-insalata, l-ispinaċi u simili, il-kurrat u

([1]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar l-analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għad-dodemorfu skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2014;12(5):3683. [11 pp.].

([2]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/125/KE tad-19 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi aluminium phosphide, calcium phosphide, magnesium phosphide, cymoxanil, dodemorph, 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, metamitron, sulcotrione, tebuconazole u triadimenol bħala sustanzi attivi (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 78)

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar l-analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRL) eżistenti għall-iprodion skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2013;11(10):3438. [94 pp.].

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar l-analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-metaldeid skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2014;12(5):3682. [64 pp.].

l-qaqoċċ, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs se jiġu analizzati mill-ġdid; l-analiżi se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li fir-rigward tal-MRLs għall-prodotti kollha li joriġinaw mill-annimali ma kienet disponibbli l-ebda informazzjoni u li kien hemm il-ħtieġa ta' aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. L-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu ffissati fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(8) Għall-metażaklor, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([1]). Hija pproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwu għall-valutazzjoni tar-riskju u għall-finijiet ta' infurzar għall-prodotti li joriġinaw mill-pjanti, kif ukoll għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali. Hija rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għat-tewm, il-Brussels Sprouts, il-qaqoċċ, il-kurrat, iż-żerriegħa tal-kittien, iż-żerriegħa tal-ġirasol, iż-żerriegħa tal-lift, iż-żerriegħa tal-mustarda, il-fidloqqom, il-kamelina u l-ħalib. L-Awtorità rrakkomandat li tgħolli jew iżżomm l-MRL eżistenti għal ċerti prodotti. Hija kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs l-għerq tal-mustarda, ir-ravanell, is-swedes, ir-rapa, il-brassika li qed tiffjorixxi, il-kaboċċi bir-ras, il-brassika mwerrqa u l-kolrabi, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa iktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs se jiġu analizzati mill-ġdid; l-analiżi se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li fir-rigward tal-MRLs għal-lariġ, il-lumi, il-ġewż tas-siġar, il-frott taż-żerriegħa, il-frott tal-għadma, il-frott irqiq u l-frott żgħir, il-patata, l-aruka u l-isfraġ, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. L-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu ffissati fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(9) Għall-pitrolju (CAS 64742-54-7), l-Awtorità ippreżentat opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([2]). L-esklużjoni tal-pitrolju (CAS 64742-54-7) fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE hija stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2009/617/KE ([3]). Meta wieħed jikkunsidra li l-użu tal-pitrolju (CAS 64742-54-7) mhuwiex awtorizzat aktar fl-Unjoni u li ma ġie identifikat l-ebda użu awtorizzat f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-MRLs fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(10) Għaż-żjut minerali (CAS 92062-35-6), l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRL eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([4]). L-esklużjoni ta' żjut minerali (CAS 92062-35-6) fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE hija stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2009/616/KE ([5]). Meta wieħed jikkunsidra li l-użu taż-żjut minerali (CAS 92062-35-6) mhuwiex awtorizzat aktar fl-Unjoni u li ma ġie identifikat l-ebda użu awtorizzat f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-MRLs fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

([1]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar l-analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRL) eżistenti għall-metażaklor skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2014;12(4):3634. [51 pp.].

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar l-analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRL) eżistenti għall-pitrolju (CAS 64742-54-7) skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2012;10(7):2841. [7 pp.].

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/617/KE tas-17 ta' Awwissu 2009 dwar l-esklużjoni tal-pitrolju CAS 64742-54-7 fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza (ĠU L 213, 18.8.2009, p. 28).

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar l-analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għaż-żjut minerali (CAS 92062-35-6) skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2012;10(7):2840. [7 pp.].

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/616/KE tas-17 ta' Awwissu 2009 dwar l-esklużjoni ta' żjut minerali CAS 92062-35-6 fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza (ĠU L 213, 18.8.2009, p. 26).

(11) Għal propargit, l-Awtorità ippreżentat opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([1]). L-esklużjoni tal-propargit fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE hija stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE ([2]) u kkonfermata fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 943/2011 ([3]). Meta wieħed jikkunsidra li l-użu tal-propargit mhuwiex awtorizzat aktar fl-Unjoni u li ma ġie identifikat l-ebda użu awtorizzat f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-MRLs fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) tiegħu, l-MRLs stabbiliti għal dik is-sustanza attiva fl-Anness III ta' dak ir-Regolament għandhom għalhekk jitħassru.

(12) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi, rigward il-ħtieġa li jiġu adattati ċerti limiti tad-determinazzjoni. Dwar bosta sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti komoditajiet, l-iżvilupp tekniku jippermetti li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' determinazzjoni.

(13) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u fid-dawl tal-fatturi rilevanti tas-suġġett li qed jiġi kkunsidrat, il-modifiki xierqa għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(14) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.

(15) Biex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, ir-Regolament għandu jistipula arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li ġew prodotti legalment qabel l-emenda fl-MRLs u li l-informazzjoni tagħhom turi li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(16) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma l-MRLs modifikati jidħlu fis-seħħ, biex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikollhom żmien jitħejjew biex ikunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mit-tibdil fl-MRLs.

(17) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-MRLs il-ġodda u l-kummenti tagħhom ġew ikkunsidrati.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li kienu prodotti legalment qabel it-3 ta' Ottubru 2015.

([1]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar l-analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRL) eżistenti għall-propargit skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2013;11(8):3350. [26 pp.].

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE tal-5 ta' Diċembru 2008 dwar l-esklużjoni ta' ċertu sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi (ĠU L 333, 11.12.2008, p. 11).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 943/2011 tad-22 ta' Settembru 2011 dwar in-nonapprovazzjoni tas-sustanza attiva propargit, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 246, 23.9.2011, p. 16).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f *'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu għandu japplika mit-3 ta' Ottubru 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Il-kolonna għall-iprodion tinbidel b'dan li ġej:

"Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
0100000	1. **FROTT FRISK JEW ĠEWŻ IFFRIŻAT**	
0110000	(i) **Frott taċ-ċitru**	
0110010	Tronġ (Shaddocks, pomelo, sweeties, tanġelo (minbarra minneola), ugli u ibridi oħra)	**0,01** (*)
0110020	Larinġ (Bergamott, larinġ tal-bakkaljaw, kinotto u ibridi oħra)	**0,01** (*)
0110030	Lumi (Tronġ, lumi, Id Buddha (Citrus medica var. sarcodactylis))	**6 (+)**
0110040	Xkomp	**0,01** (*)
0110050	Mandolin (Klementina, ċitru tat-tanġier, minneola u ibridi oħra tangor (Citrus reticulata × sinensis))	**0,01** (*)
0110990	Oħrajn	**0,01** (*)
0120000	(ii) **Ġewż tas-siġar**	
0120010	Lewż	**0,2 (+)**
0120020	Ġewż tal-Brażil	**0,01** (*)
0120030	Ġewż tal-anakardju	**0,01** (*)
0120040	Qastan	**0,01** (*)
0120050	Ġewż tal-Indi	**0,01** (*)
0120060	Ġellewż (Filbert)	**0,01** (*)
0120070	Macadamia	**0,01** (*)
0120080	Ġewż Amerikan	**0,01** (*)
0120090	Ġewż tal-arżnu	**0,01** (*)
0120100	Pistaċċi	**0,01** (*)
0120110	Ġewż	**0,01** (*)
0120990	Oħrajn	**0,01** (*)
0130000	(iii) **Frott taż-żerriegħa**	**(+)**
0130010	Tuffieħ (Tuffieħ selvaġġ)	**6**
0130020	Lanġas (Lanġas Orjentali)	**6**
0130030	Sfarġel	**5**
0130040	Naspli	**5**
0130050	Naspla tal-Ġappun	**5**
0130990	Oħrajn	**0,01** (*)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
0140000	(iv) **Frott tal-għadma**	**(+)**
0140010	Berquq	**6**
0140020	Ċirasa (Ċirasa ħelwa, ċirasa qarsa)	**10**
0140030	Ħawħ (Nuċiprisk u ibridi simili)	**10**
0140040	Għanbaqar (Għanbaqra ħamra, għanbaqra ħadra, għanbaqra mirabella, pruna selvaġġa, tamal aħmar/tamal Ċiniż/żinżel Ċiniż (Ziziphus zizyphus))	**3**
0140990	Oħrajn	**0,01** (*)
0150000	(v) **Frott irqiq u frott żgħir**	
0151000	(a) *Għeneb tal-mejda u tal-inbid*	**20** (+)
0151010	Għeneb tal-mejda	
0151020	Għeneb tal-inbid	
0152000	(b) *Frawli*	**20** (+)
0153000	(c) *Frott tal-kannamiela*	**(+)**
0153010	Tut	**30**
0153020	Ċawsli iswed (Kukku Logan, Kukku Tay, Kukku Boysen, Kukku sħaba u ibridi ta' Rubus oħrajn)	**15**
0153030	Lampun (Vinilampun, lampun Artiku/lampun, (Rubus arcticus), lampun tal-meraq (Rubus arcticus × Rubus idaeus))	**30**
0153990	Oħrajn	**0,01** (*)
0154000	(d) *Frott żgħir u frott irqiq ieħor*	
0154010	Riħan blu (Riħan kuħħal)	**20** (+)
0154020	Cranberries (riħan lingon/riħan kuħħal aħmar (V. vitis-idaea))	**20** (+)
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)	**20** (+)
0154040	Gooseberries (Inkluż ibridi ma' speċijiet oħrajn ta' Ribes)	**20** (+)
0154050	Warda Skoċċiża	**0,01** (*)
0154060	Ċawsli (frawli Arbutus)	**0,01** (*)
0154070	Għanżalor (naspla Mediterranja) (kukku tal-kiwi (Actinidia arguta))	**20** (+)
0154080	Sebuq (mirtill aronia iswed/kukku tat-tuffieħ, fraxxnu tal-muntanja, argużier, żagħrun, naspli tas-silġ, u kukku tas-siġar ieħor)	**0,01** (*)
0154990	Oħrajn	**0,01** (*)
0160000	(vi) **Frott mixxellanju**	
0161000	(a) *Qoxra li tittiekel*	**0,01** (*)
0161010	Tamal	
0161020	Tin	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
0161030	Żebbuġ tal-mejda	
0161040	Larinġ tal-qsari (Kumkwat marumi, kumkwat nagami, xkomp fortunella (Citrus aurantifolia × Fortunella spp.))	
0161050	Karambola (Bilimbi)	
0161060	Persimmon	
0161070	Ġambul (għanbaqra ta' Ġava) (tuffieħa ta' Ġava/tuffieħa tal-ilma, tuffieħa warda, ċirasa tal-Brażil, ċirasa tas-Surinam/grumikama (Eugenia uniflora))	
0161990	Oħrajn	
0162000	(b) *Qoxra li ma tittikilx, żgħir*	
0162010	Kiwi	**5 (+)**
0162020	Liċċi (Litchi) (Pulasan, rambutan/liċċi sufin, longan, mangosteen, langsat, salak)	**0,01** (*)
0162030	Frotta tal-passjoni	**0,01** (*)
0162040	Bajtar tax-xewk (frotta tal-kaktus)	**0,01** (*)
0162050	Tuffieħa stilla	**0,01** (*)
0162060	Persimmon Amerikana (Kaki ta' Virġinja) (Kaki sewda, kaki bajda, kaki ħadra, kanistell/kaki safra, kaki mammey)	**0,01** (*)
0162990	Oħrajn	**0,01** (*)
0163000	(c) *Qoxra li ma tittikilx, kbar*	**0,01** (*)
0163010	Avokado	
0163020	Banana (Banana nanija, pjantaġġni, bananito)	
0163030	Mango	
0163040	Papajja	
0163050	Rummien	
0163060	Ċerimojja (Anona ħamra, puma kannella, ilama (Annona diversifolia) u frott ieħor Annonnaceae ta' daqs medju)	
0163070	Gwava (Pitaya ħamra/frott tad-dragun (Hylocereus undatus))	
0163080	Ananas	
0163090	Frott tas-siġra tal-ħobż (Jackfruit)	
0163100	Durian	
0163110	Soursop (guanabana)	
0163990	Oħrajn	
0200000	2. **ĦXEJJEX FRISKI JEW IFFRIŻATI**	
0210000	(i) **Ħxejjex tal-għeruq u tuberi**	
0211000	(a) *Patata*	**0,05 (+)**
0212000	(b) *Ħxejjex tropikali tal-għeruq u tuberi*	**0,01** (*)
0212010	Kassava (Daxin, eddoe/taro tal-Ġappun, tannja)	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
0212020	Patata ħelwa	
0212030	Jammijiet (Fażola tal-patata/fażola tal-jam, fażola tal-jam tal-Messiku)	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn	
0213000	(c) *Ħxejjex oħra tal-għeruq u tuberi minbarra l-pitravi*	
0213010	Pitravi	**0,1** (+)
0213020	Zunnarija	**10** (+)
0213030	Ċelerjak	**0,01** (*)
0213040	Għeruq mustarda (Għeruq tal-anġelika, għeruq tal-karfus tal-muntanji, għeruq tal-ġenzjana)	**0,06** (+)
0213050	Artiċokks ta' Ġerusalem (Crosne)	**0,01** (*)
0213060	Zunnarija bajda	**0,5** (+)
0213070	Għeruq tat-tursin	**0,5** (+)
0213080	Ravanell (Ravanell iswed, ravanell Ġappuniż, ravanell żgħir u varjetajiet simili, ċiperu (Cyperus esculentus))	**0,6** (+)
0213090	Leħjet il-bodbod (leħjet il-bodbod sewda, sassefrika, leħjet il-bodbod Spanjola/Spanish oysterplant, lappa li tittiekel)	**0,01** (*)
0213100	Swedes	**0,01** (*)
0213110	Rapa	**0,01** (*)
0213990	Oħrajn	**0,01** (*)
0220000	(ii) **Ħxejjex tal-basla**	(+)
0220010	Tewm	**0,4**
0220020	Basal (Basal ieħor tal-basla, basal komuni)	**0,2**
0220030	Xalott	**0,2**
0220040	Basal tar-rebbiegħa u basal ta' Wales (Basal ieħor aħdar u varjetajiet simili)	**4**
0220990	Oħrajn	**0,01** (*)
0230000	(iii) **Ħxejjex tal-frott**	
0231000	(a) *Solanacea*	
0231010	Tadam (Tadam ċiras, Physalis spp., goġi komuni, goġi taċ-Ċina (Lycium barbarum u L. chinense) tadam tas-siġra)	**5** (+)
0231020	Bżar ħelu (Bżar felfel)	**7** (+)
0231030	Briġiel (Pepino, briġiel Afrikan/briġiel abjad (S. macrocarpon))	**6** (+)
0231040	Okra (swaba tan-nisa)	**0,01** (*)
0231990	Oħrajn	**0,01** (*)
0232000	(b) *Kukurbit — qoxra li tittiekel*	**4** (+)
0232010	Ħjar	
0232020	Ħjar tal-pikles	
0232030	Courgettes (Kukurbit tas-sajf, qara' (patisson), kalabaxx (Lagenaria siceraria), ċentinarja, karavella/bettiegħ morr, qara' serp, luffa angulata/teroi)	
0232990	Oħrajn	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
0233000	(c) *Kukurbit — qoxra li ma tittikilx*	**1,5 (+)**
0233010	Bettieħ (Kiwano)	
0233020	Qara' aħmar (Qara' tax-xitwa, qara' (varjetà tardiva))	
0233030	Dulliegħ	
0233990	Oħrajn	
0234000	(d) *Qamħ ħelu (Qamħirrum żgħir)*	**0,01** (*)
0239000	(e) *Ħxejjex tal-frott ieħor*	**0,01** (*)
0240000	(iv) **Ħxejjex tal-ġenus Brassica**	
0241000	(a) *Brassica bil-fjuri*	**(+)**
0241010	Brokkoli (Brokkoli tal-Kalabrija, brokkoli raab, brokkoli Ċiniż)	**25**
0241020	Pastard	**0,5**
0241990	Oħrajn	**0,01** (*)
0242000	(b) *Brassica bir-ras*	(+)
0242010	Brussels sprouts	**0,7**
0242020	Kaboċċa (Kaboċċa bil-ponta, kaboċċa ħamra, kaboċċa Savoy, kaboċċa bajda)	**15**
0242990	Oħrajn	**0,01** (*)
0243000	(c) *Brassica bil-weraq*	
0243010	Kaboċċa Ċiniża (Mustarda Indjana jew Ċiniża, pak choi, kaboċċa Ċiniża ċatta/tai goo choi, choi sum, kaboċċa ta' Pekin/pe-tsai)	**0,7 (+)**
0243020	Kaboċċi tal-weraq twal (Borecole/kaboċċa mberfla, collards, kaboċċa Portugiża, kaboċċa medullosa)	**0,01** (*)
0243990	Oħrajn	**0,01** (*)
0244000	(d) *Kolrabi*	**0,01** (*)
0250000	(v) **Ħxejjex tal-weraq u ħxejjex aromatiċi friski**	
0251000	(a) *Ħass u pjanti oħra tal-insalata inklużi l-Brassicacea*	
0251010	Valerjanella (valerjanella tal-Italja)	**20 (+)**
0251020	Ħass (Ħass, lollo rosso (ħass għat-tqattigħ), ħass iceberg, ħass romaine (cos))	**25 (+)**
0251030	Skalora (indivja tal-werqa wiesgħa) (Ċikwejra selvaġġa, ċikwejra ħamra, radiccho, indivja tal-werqa mberfla, Ċikwejra kaboċċata (C. endivia var. crispum/C. intybus var. foliosum), weraq taċ-ċikwejra selvaġġa)	**20 (+)**
0251040	Krexxuni (Nebbieta tal-fażola mung, nebbieta tax-xnien)	**7 (+)**
0251050	Krexxun tal-art	**0,01** (*)
0251060	Aruka, Rukla (Aruka salvaġġa (Diplotaxis spp.))	**20 (+)**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
0251070	Mustarda ħamra	**0,01** (*)
0251080	Weraq u nebbieta tal-Brassica spp, inklużi l-weraq tal-ġidra (Miżuna, weraq tal-piżelli u tar-ravanell u speċijiet oħra li jinħasdu meta l-weraq ikun għadu żgħir, inkluż speċijiet tal-brassica (pjanti li jinħasdu sal-istadju fejn ikollhom l-ewwel 8 werqiet), weraq tal-kolrabi)	**20** (+)
0251990	Oħrajn	**0,01** (*)
0252000	(b) *Spinaċi u oħrajn simili (weraq)*	**0,02**
0252010	Spinaċi (Spinaċi ta' New Zealand, spinaċi amaranthus (pakkhom, tampara), weraq tat-tajer, bitterblad/ bitawiri)	
0252020	Burdlieq (Ħass/Insalata tal-minaturi, burdlieqa tal-ġonna, burdlieqa komuni, sorrel, ħaxixa tal-ħġieġ, agretti (Salsola soda))	
0252030	Weraq tal-pitravi (selq) (Weraq tal-pitravi)	
0252990	Oħrajn	
0253000	(c) *Weraq tad-dielja (weraq tal-għeneb) (Spinaċi dielja, weraq tal-banana, rimi tal-akaċja tixxeblek (Acacia pennata))*	**0,01** (*)
0254000	(d) *Krexxuni tal-ilma (Kampanella/konvolvulu Ċiniż/konvolvulu tal-ilma/spinaċi tal-ilma/kangkung (Ipomea aquatica), felċi tal-ilma, mimoża tal-ilma)*	**0,01** (*)
0255000	(e) *Indivja Belġjana*	**3** (+)
0256000	(f) *Ħxejjex aromatiċi*	**20** (+)
0256010	Maxxita	
0256020	Kurrat selvaġġ	
0256030	Weraq tal-karfus (Weraq tal-bużbież, weraq tal-kosbor, weraq tax-xibt, weraq tal-karwija, weraq tal-karfus tal-muntanji, anġelika, Sorfolja tal-mirra u weraq oħrajn Apiacea, weraq tal-kosbor falz/jintnu/kosbor twil/ħaxixa tinten (Eryngium foetidum))	
0256040	Tursin (Weraq tat-tursin tal-għerq kbir)	
0256050	Salvja (savorja tax-xitwa, savorja tas-sajf, weraq Borago officinalis)	
0256060	Klin	
0256070	Sagħtar (Merqtux, origanu)	
0256080	Ħabaq (Weraq balm, nagħniegħ, pepermint, tulsi, ħabaq ħelu, ħabaq muswaf, fjuri kommestibbli (qronfol Indjan u oħrajn), pennywort, werqa tal-betel salvaġġa, weraq tal-kari)	
0256090	Weraq tar-rand (Ħaxixa lumija)	
0256100	Stregun (Issopu)	
0256990	Oħrajn	
0260000	(vi) **Ħxejjex legumi (friski)**	
0260010	Fażola (bil-miżwed) (Fażola ħadra/fażola Franċiża/fażola tinqasam, fażola ta' Spanja, fażola tat-tqattigħ, fażola twila Ċiniża, fażola guwar, fażola tas-sojja)	**2** (+)
0260020	Fażola (mingħajr miżwed) (Ful, fażola twila, fażola jack, fażola bajda ta' Lima, piżelli tal-baqra)	**0,08** (+)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
0260030	Piżelli (bil-miżwed) (Mangetout/piżelli taz-zokkor/piżelli tas-silġ)	**2 (+)**
0260040	Piżelli (mingħajr miżwed) (Piżelli tal-ġonna, piżelli ħodor, ċiċri)	**0,3 (+)**
0260050	Għads	**0,01** (*)
0260990	Oħrajn	**0,01** (*)
0270000	(vii) **Ħxejjex biz-zokk (friski)**	
0270010	Sfraġ	**0,01** (*)
0270020	Kardun (Zkuk borago officinalis)	**0,01** (*)
0270030	Karfus	**0,01** (*)
0270040	Bużbież	**0,01** (*)
0270050	Qaqoċċ (Fjura tal-banana)	**0,01** (*)
0270060	Kurrat	**0,01** (*)
0270070	Rabarbru	**0,15 (+)**
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	**0,01** (*)
0270090	Qlub tal-palm	**0,01** (*)
0270990	Oħrajn	**0,01** (*)
0280000	(viii) **Faqqiegħ**	**0,01** (*)
0280010	Fungi kkultivati (Faqqiegħ komuni, faqqiegħ forma ta' ġajdra, faqqiegħ shiitake, fungus mycelium (partijiet veġetattivi))	
0280020	Fungi selvaġġi (Chanterelle, tartuf, morkell, fungi porċini)	
0280990	Oħrajn	
0290000	(ix) **Alki tal-baħar**	**0,01** (*)
0300000	3. **LEGUMI, IMNIXXFA**	
0300010	Fażola (Ful, fażola tan-navy, fażola twila, fażola jack, fażola bajda ta' Lima beans, fażola tal-għelieqi, piżelli tal-baqra)	**0,4 (+)**
0300020	Għads	**0,4 (+)**
0300030	Piżelli (Ċiċri, piżelli tal-għelieqi, ġulbiena sewda)	**0,2 (+)**
0300040	Lupini	**0,02** (*)
0300990	Oħrajn	**0,02** (*)
0400000	4. **ŻRIERAGĦ ŻEJTNIJA U FROTT ŻEJTNI**	
0401000	(i) **Żrieragħ żejtnija**	
0401010	Kittien	**0,06 (+)**
0401020	Karawett	**0,01** (*)
0401030	Żerriegħa tal-pepprin	**0,01** (*)
0401040	Żerriegħa tal-ġunġlien	**0,01** (*)
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	**0,5 (+)**
0401060	Żerriegħa tal-lift (Żerriegħa tal-lift tal-għasafar, żerriegħa tal-lift tal-ġidra)	**0,5 (+)**
0401070	Fażola tas-sojja	**0,01** (*)
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	**0,01** (*)
0401090	Żerriegħa tal-qoton	**0,01** (*)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
0401100	Żrieragħ tal-qara' ħamra (Żrieragħ oħrajn tal-Cucurbitaceae)	**0,01** (*)
0401110	Għosfor	**0,01** (*)
0401120	Fiddloqqom (Żrieragħ ta' lsien il-fart vjola/Fjura tal-Kanarji (Echium planatgineum), żrieragħ ta' lsien il-fart (Buglossoides arvensis))	**0,01** (*)
0401130	Kamelina	**0,01** (*)
0401140	Żerriegħa tal-qanneb	**0,01** (*)
0401150	Fażola tar-riġnu	**0,01** (*)
0401990	Oħrajn	**0,01** (*)
0402000	(ii) **Frott żejtni**	**0,01** (*)
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt	
0402020	Ġewż tal-palm (żrieragħ tal-palm għaż-żejt)	
0402030	Frott tal-palm	
0402040	Kapok	
0402990	Oħrajn	
0500000	5. **ĊEREALI**	
0500010	Xgħir	**2 (+)**
0500020	Qamħ Saraċin (Amaranthus, kinoa)	0,02 (*)
0500030	Qamħirrum	0,02 (*)
0500040	Millieġ (Millieġ denb il-volpi, teff, millieġ tas-swaba, millieġ tal-Indja)	0,02 (*)
0500050	Ħafur	**0,02** (*)
0500060	Ross (Ross abjad/selvaġġ (Zizania aquatica))	**10 (+)**
0500070	Segala	0,02 (*)
0500080	Sorgu	0,02 (*)
0500090	Qamħ (Spelt, tritikale)	**0,02** (*) **(+)**
0500990	Oħrajn (żrieragħ tal-haxix Kanarji (Phalaris canariensis))	0,02 (*)
0600000	6. **TÈ, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI U KAKAW**	
0610000	(i) **Tè**	**0,05** (*)
0620000	(ii) **Żrieragħ tal-kafè**	**0,05** (*)
0630000	(iii) **Infużjonijiet erbali (imnixxfa)**	
0631000	(a) *Fjuri*	**0,05** (*)
0631010	Fjuri tal-kamumilla	
0631020	Fjuri tal-ħibiskus	
0631030	Petali tal-ward	
0631040	Fjuri tal-ġiżimin (Fjuri tas-sebuqa (Sambucus nigra))	
0631050	Xkomp (linden)	
0631990	Oħrajn	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
0632000	(b) *Weraq*	**0,05** (*)
0632010	Weraq tal-frawli	
0632020	Weraq tar-rooibos (Weraq tal-ġingo)	
0632030	Maté	
0632990	Oħrajn	
0633000	(c) *Għeruq*	**2 (+)**
0633010	Għeruq tal-valerjana	
0633020	Għeruq tal-ġinseng	
0633990	Oħrajn	
0639000	(d) *Infużjonijiet erbali oħra*	**0,05** (*)
0640000	(iv) **Żrieragħ tal-kakaw (iffermentati jew imnixxfin)**	**0,05** (*)
0650000	(v) **Ħarruba (st johns bread)**	**0,05** (*)
0700000	7. **ĦOPS (imnixxfa)**	**0,05** (*)
0800000	8. **ĦWAWAR**	
0810000	(i) **Żrieragħ**	**0,05** (*)
0810010	Ħlewwa	
0810020	Karwija sewda	
0810030	Żerriegħa tal-karfus (Żerriegħa tal-muntanji)	
0810040	Żerriegħa tal-kosbor	
0810050	Żerriegħa tal-kemmun	
0810060	Żerriegħa tax-xibt	
0810070	Żerriegħa tal-bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċemuskata	
0810990	Oħrajn	
0820000	(ii) **Frott u frott irqiq**	**0,05** (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka	
0820020	Bżar tas-Sichuan (bżar tal-ħlewwa, bżar tal-Ġappun)	
0820030	Karwija	
0820040	Kardamonu	
0820050	Frott tal-ġnibru	
0820060	Bżar iswed, aħdar u abjad (Bżar twil tal-Indi, bżar tal-Perù)	
0820070	Mżiewed tal-vanilla	
0820080	Tamar tal-Indja	
0820990	Oħrajn	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
0830000	(iii) **Qoxra tas-siġar**	**0,05** (*)
0830010	Kannella (Kassja)	
0830990	Oħrajn	
0840000	(iv) **Għeruq jew riżomi**	
0840010	Għud is-sus	**0,05** (*)
0840020	Ġinġer	**0,05** (*)
0840030	Żagħfran tal-Indja (Kurkuma)	**0,05** (*)
0840040	Għerq tal-mustarda	**(+)**
0840990	Oħrajn	**0,05** (*)
0850000	(v) **Blanzuni**	**0,05** (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn	
0860000	(vi) **Stigma tal-fjuri**	**0,05** (*)
0860010	Żagħfran	
0860990	Oħrajn	
0870000	(vii) **Aril**	**0,05** (*)
0870010	Qoxra ta' barra tan-noċemuskata	
0870990	Oħrajn	
0900000	9. **PJANTI TAZ-ZOKKOR**	
0900010	Pitravi taz-zokkor (għerq)	**0,1 (+)**
0900020	Kannamiela	**0,01** (*)
0900030	Għeruq taċ-ċikwejra	**0,01** (*)
0900990	Oħrajn	**0,01** (*)
1000000	10. **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI — ANNIMALI TERRESTRI**	(+)
1010000	(i) **Tessut**	
1011000	(a) *Ħnieżer*	**0,1**
1011010	Muskoli	
1011020	Xaħam	
1011030	Fwied	
1011040	Kliewi	
1011050	Ġewwieni li jittiekel	
1011990	Oħrajn	
1012000	(b) *Bovini*	
1012010	Muskoli	**0,1**
1012020	Xaħam	**0,1**
1012030	Fwied	**0,2**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Iprodion (R)
1012040	Kliewi	**0,3**
1012050	Ġewwieni li jittiekel	**0,3**
1012990	Oħrajn	**0,01** (*)
1013000	(c) *Nagħaġ*	
1013010	Muskoli	**0,1**
1013020	Xaħam	**0,1**
1013030	Fwied	**0,2**
1013040	Kliewi	**0,3**
1013050	Ġewwieni li jittiekel	**0,3**
1013990	Oħrajn	**0,01** (*)
1014000	(d) *Mogħoż*	
1014010	Muskoli	**0,1**
1014020	Xaħam	**0,1**
1014030	Fwied	**0,2**
1014040	Kliewi	**0,3**
1014050	Ġewwieni li jittiekel	**0,3**
1014990	Oħrajn	**0,01** (*)
1015000	(e) *Żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tar-rkib*	
1015010	Muskoli	**0,1**
1015020	Xaħam	**0,1**
1015030	Fwied	**0,2**
1015040	Kliewi	**0,3**
1015050	Ġewwieni li jittiekel	**0,3**
1015990	Oħrajn	**0,01** (*)
1016000	(f) *Tjur — tiġieġ, wiżż, papri, dundjani u farawni, ngħam, ħamiem*	
1016010	Muskoli	**0,1**
1016020	Xaħam	**0,2**
1016030	Fwied	**1**
1016040	Kliewi	**0,01** (*)
1016050	Ġewwieni li jittiekel	**1**
1016990	Oħrajn	**0,01** (*)
1017000	(g) *Annimali oħra tal-farms (Fniek, kangarus, ċriev)*	
1017010	Muskoli	**0,1**
1017020	Xaħam	**0,1**
1017030	Fwied	**0,2**
1017040	Kliewi	**0,3**
1017050	Ġewwieni li jittiekel	**0,3**
1017990	Oħrajn	**0,01** (*)

